

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Awla Manja) tal-4 ta Settembru 2018 – ClientEarth vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-57/16 P) ⁽¹⁾

(Appell — Aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Regolament (KE) Nru 1367/2006 — Rapport ta' analiżi tal-impatt, abbozz ta' rapport ta' analiżi tal-impatt u opinjoni tal-kumitat ta' analiżi tal-impatt — Inizjattivi leġiżlattivi fil-qasam ambjentali — Rifjut ta' aċċess — Żvelar tad-dokumenti mitluba fil-mori tal-kawża — Persistenza tal-interess ġuridiku — Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali pendenti ta' istituzzjoni tal-Unjoni — Preżunzjoni ġenerali)

(2018/C 399/02)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: ClientEarth (rappreżentanti: O. W. Brouwer, J. Wolfhagen u F. Heringa, advocaten)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Clotuche-Duvieusart u M. Konstantinidis, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-appellanti: Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentanti: H. Leppo u M. J. Heliskoski, aġenti), Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: A. Falk, C. Meyer-Seitz, U. Persson u N. Otte Widgren, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Novembru 2015, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (T-424/14 u T-425/14, EU:T:2015:848), hija annullata.
- 2) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-1 ta' April 2014, li tirrifjuta l-aċċess għal rapport ta' analiżi tal-impatt dwar abbozz ta' strument vinkolanti li jstabbilixxi l-kuntest strateġiku ta' proċeduri ta' spezzjoni u ta' sorveljanza bbażati fuq ir-riskji u li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għal opinjoni tal-kumitat ta' analiżi tal-impatt, hija annullata.
- 3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-3 ta' April 2014, li tirrifjuta l-aċċess għal abbozz ta' rapport ta' analiżi tal-impatt dwar l-aċċess għall-ġustizzja fil-qasam ambjentali fil-livell tal-Istati Membri fil-qasam tal-politika ambjentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għal opinjoni tal-kumitat ta' analiżi tal-impatt, hija annullata.
- 4) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, daww imġarrbin minn ClientEarth fl-ewwel istanza kif ukoll fil-proċedura ta' appell.

5) Ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mal-proċedura ta' appell.

(¹) ĠU C 191, 30.5.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-6 ta' Settembru 2018 – Bank Mellat vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

(Kawża C-430/16 P) (¹)

(Appell — Politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) — Ġlieda kontra l-proliferazzjoni nukleari — Miżuri restrittivi meħuda kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran — Miżuri settorjali — Restrizzjonijiet għat-trasferimenti ta' fondi li jinvolvu stabbilimenti finanzjarji Iranjani — Tisħiħ tal-miżuri restrittivi — Sistema kontenzjuża li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2012/635/PESK u mir-Regolament (UE) Nru 1263/2012 — Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt dwar il-kwistjoni nukleari Iranjana — It-tneħħija tal-miżuri restrittivi kollha tal-Unjoni Ewropea marbuta ma' din il-kwistjoni — Tħassir tas-sistema kkontestata fil-mori tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali — Impatt fuq l-interess ġuridiku quddiem il-Qorti Ġenerali — Assenza ta' persistenza tal-interess ġuridiku)

(2018/C 399/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Bank Mellat (rappreżentanti: M. Brindle, T. Otty, QC, MacLeod u R. Blakeley, barristers, S. Zaiwalla, Z. Burbeza, A. Meskarian u P. Reddy, solicitors)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u I. Rodios, aġenti), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gauci, J. Norris-Usher u M. Konstantinidis, aġenti), Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: S. Brandon, aġent, assistit minn M. Gray, barrister)

Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-2 ta' Ġunju 2016, Bank Mellat vs Il-Kunsill (T-160/13, EU:T:2016:331), hija annullata.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors ippreżentat bin-numru T-160/13 mill-Bank Mellat, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(15) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1263/2012 tal-21 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran, jew tal-imsemmija dispożizzjoni sa fejn hija ma tipprevedix eċċezzjoni li tapplika għall-każ tal-Bank Mellat, kif ukoll it-talba tagħha intiża sabiex il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tiddikjara li l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran, ma tapplikax għalih.
- 3) Il-Bank Mellat u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom marbuta kemm mal-proċedura tal-appell kif ukoll tal-proċedura fl-ewwel istanza.